



**2019/2074(DEC)**

21.1.2020

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena  
finanzjarja 2018  
(2019/2074(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja ("Eurojust") biex tassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja transnazzjonali u organizzata;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") ddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rappreżentata b'mod ġust;
3. Jilqa' wkoll il-fatt li l-Qorti rrikonoxxiet li r-rakkomandazzjonijiet kollha tas-snin preċedenti ġew implimentati b'mod korrett mill-Eurojust;
4. Jiddeplora l-fatt li l-Eurojust kienet iffaċċjata bi tnaqqis sinifikanti fil-baġit tagħha minn EUR 48 miljun għal EUR 38 miljun (-21 %), kif ukoll tnaqqis fil-persunal minn 242 għal 238 (-1,6 %) minkejja 19 % żieda fl-ammont ta' xogħol meta mqabbel mal-2017; jinnota li dan it-tnaqqis kien marbut mat-tlestija tal-bini li jospita l-uffiċċji l-ġodda tal-Eurojust f'The Hague, li għalih ġew allokati aktar minn EUR 11-il miljun fil-baġit tal-2017; ifakkar li l-għadd ta' każijiet ġodda kif ukoll ta' każijiet li għadhom għaddejjin (jiġifieri każijiet li jirrikjedu investigazzjonijiet kumplessi li jistgħu jdmu diversi snin) kiber matul dawn l-aħħar snin u li l-ammont ta' xogħol huwa mistenni li jżied aktar minħabba l-mandat il-ġdid li se jidħol fis-seħħ fi tmiem l-2019, b'kont meħud ukoll tar-riżorsi addizzjonali rikjesti biex l-Eurojust tkun tista' tappoġġja l-ħidma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; jissottolinja li, apparti l-arresti, il-prosekuzzjonijiet ta' suċċess fl-oqsma ta' kriminalità serja transnazzjonali huma essenzjali għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni; ifakkar ukoll li fl-2018, l-għadd ta' ċentri ta' koordinazzjoni kien ta' 17, bħal fl-2017, li juri l-popolarità ta' din l-għodda operazzjonali u l-utilità tagħha; jisħaq li l-Eurojust għandha rwol essenzjali fil-katina tas-sigurtà tal-Unjoni u li l-baġit tagħha għandu jaqbel mal-kompiti u l-prijoritajiet tagħha sabiex tkun tista' twettaq il-mandat tagħha; jinsab għalhekk imħasseb ħafna dwar it-tnaqqis baġitarju qawwi propost mill-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 li jista' jimmina l-ħidma tal-Eurojust u għalhekk jippreżenta riskji għas-sigurtà fi ħdan l-Istati Membri; jistieden lill-kumitati kompetenti tal-Parlament biex jistiednu lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust sabiex jippreżenta l-ħtiġijiet ta' finanzjament fit-tul previsti tal-Eurojust, inklużi kemm mill-kompiti futuri previsti jistgħu jkunu koperti minn kisbiet fl-effiċjenza, il-lakuni operazzjonali li jirriżultaw minn finanzjament insuffiċjenti u l-impatt previst tagħhom fuq il-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali;
5. Jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li l-pagamenti kollha li jappartjenu għal kuntratt ta' qafas tal-IT għal tliet snin kif ukoll għal kuntratti speċifiċi relatati (EUR 40 821 fl-2018) huma irregolari peress li l-kuntratt (valur totali ta' EUR 450 000) kien iffirmit ma' kumpanija li pprovdiet l-istess servizzi taħt kuntratt qafas preċedenti wara proċedura nnegozjata iżda mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt; ifakkar li r-Regolament Finanzjarju jippermetti biss l-użu ta' proċedura simplifikata taħt ċirkostanzi

speċifiċi li ma kinux sostanzjati hawnhekk; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Eurojust li tenfasizza l-ħtieġa li tintuża proċedura nnegozzjata minħabba li bidla tal-fornitur kienet twassal għal diffikultajiet tekniċi u operazzjonali; jistieden lill-Eurojust tiegħu azzjonijiet biex tipprevjeni dipendenza żejda fuq fornitur tal-IT uniku bil-għan li tagħti kuntratti futuri bi qbil mal-proċeduri previsti mir-Regolament Finanzjarju;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni mill-Kulleġġ, f'Novembru 2018, ta' Strateġija u ta' Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Frodi;
7. Jissottolinja r-riorganizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tal-Eurojust, li tinkludi separazzjoni ċara bejn kwistjonijiet eżekuttivi u dawk operazzjonali, li kienet bdiet fi tmiem l-2018 bil-ħsieb li jkun hemm konformità mar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (ir-Regolament il-ġdid dwar il-Eurojust) meta dak ir-Regolament daħal fis-seħħ f'Diċembru 2019; jinnota li l-proposta għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern rivedut għandha tiġi adottata sa tmiem l-2019 u tiġi implimentata sa tmiem l-2020;
8. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali tal-aġenziji rigward reklutaġġ ta' persunal estern fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li tiġi indirizzata din id-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam importanti; ihegġegħ lill-Eurojust taġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni pendenti unika tal-Qorti rigward il-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' postijiet battala tagħha fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO). ihegġegħ bil-qawwa lill-Eurojust tiżviluppa aktar kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, bil-għan li jiġu internalizzati r-rwoli tal-IT fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.1.2020
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 45 - : 6 0 : 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Āuriš Nicholsonová, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lukas Mandl

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

45	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Loránt Vincze, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Nicola Procaccini
GUE/NGL	Cornelia Ernst

6	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
ECR	Robert Roos
GUE/NGL	Clare Daly
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

2	0
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Miguel Urbán Crespo

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni